

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 739/2007**tat-28 ta' Ġunju 2007****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 493/2006 dwar miżuri tranżitorji bħala parti mir-riforma ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni taz-Zokkor,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

Artikolu 1

L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 493/2006 huwa emendat kif ġej:

Billi:

(1) għandu jiddaħħal il-paragrafu 3a, li ġej:

(1) Skond l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, is-sena tas-suq għall-prodotti fis-settur taz-zokkor hija għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' Settembru. Madanakollu, is-sena tas-suq 2006/2007 tibda fl-1 ta' Lulju 2006 u tispiċċa fit-30 ta' Settembru 2007. B'hekk tinfirex fuq 15-il xahar, u mhux fuq 12-il xahar bħal sena normali.

"3a. Għas-sena tas-suq 2006/2007, l-Istati Membri għandhom jallokaw lil kull impriża intitolata għal kwota ta' zokkor skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 u li użaw din il-kwota esklussivament għall-produzzjoni taz-zokkor permezz ta' l-estrazzjoni mill-karamelli, kwota tranżitorja ugwali għal 25 % ta' l-imsemmija kwota. Din il-kwota tranżitorja ma tistax tintuża ħliet għall-produzzjoni taz-zokkor permezz ta' l-estrazzjoni mill-karamelli."

(2) Fid-dawl tal-perjodu tas-sena tas-suq 2006/2007, l-Artikolu 9(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 493/2006⁽²⁾ jstabbilixxi kwota tranżitorja għall-isoglukożju, biex tiġi assigurata allokazzjoni li tikkorrispondi ma' dik tas-sena tas-suq preċedenti.

(2) fil-paragrafu 4, it-termini introduttivi għandhom jiġu sostitwiti bit-test li ġej:

(3) Ċerti Stati Membri jallokaw xi kwoti taz-zokkor lill-impriżi li huma speċjalizzati fil-produzzjoni taz-zokkor permezz ta' l-estrazzjoni mill-karamelli. Il-produzzjoni hija regolari matul il-perjodu kollu tas-sena tas-suq, bħal fil-każ ta' l-isoglukożju. Madanakollu, il-kwantità allokata għas-sena tas-suq 2006/2007 hija, skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, ugwali għall-kwantità allokata għas-sena tas-suq 2005/2006. Għall-finijiet ta' ekwità fost il-produtturi ta' l-isoglukożju, jeħtieġ li tiġi attribwita kwota tranżitorja lil dawn l-impriżi, b'qies għall-perjodu tas-sena tas-suq 2006/2007.

"Il-kwoti tranżitorji stipulati fil-paragrafi 1, 2, 3, u 3a."

(4) Għaldaqstant, jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 493/2006 jiġi emendat.

(3) il-paragrafu 6 għandu jiġi sostitwit bil-paragrafi 6 u 7 li ġejjin:

"6. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni:

⁽¹⁾ ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 247/2007 (ĠU L 69, 9.3.2007, p. 3).

⁽²⁾ ĠU L 89, 28.3.2006, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 119/2007 (ĠU L 37, 9.2.2007, p. 3).

(a) Qabel il-15 ta' Lulju 2006, kull impriża għandha tagħmel stima tal-kwoti tranżitorji allokati skond il-paragrafi 1, 2 u 3;

(b) qabel it-30 ta' Ġunju 2007, kull impriża għandha tagħmel stima tal-kwoti tranżitorji allokati skond il-paragrafu 3a.

7. L-Istati Membri għandhom jstabilixxu sistema ta' kontroll u jjeħdu dawk il-miżuri kollha meħtieġa għall-verifika tal-produzzjoni tal-prodotti stipulati fil-paragrafi 1, 2, 3 u 3a, b'mod partikolari għandhom jassiguraw li l-produzzjoni taz-zokkor tikkorrispondi maz-zokkor tal-pitravi miżrugħa qabel l-1 ta' Jannar 2006.

Għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, qabel il-31 ta' Diċembru 2007, il-miżuri ta' kontroll adottati u r-riżultati tagħhom.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni
